

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12037/26

POLCOM 279
SPG 5

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2026) 16 final
Suġġett:	RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi li tkopri l-perjodu 2023–2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2026) 16 final.

Mehmuż: JOIN(2026) 16 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 16.7.2026
JOIN(2026) 16 final

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi li tkopri l-perjodu 2023–2025

{SWD(2026) 184 final} - {SWD(2026) 185 final} - {SWD(2026) 186 final} -
{SWD(2026) 187 final} - {SWD(2026) 188 final} - {SWD(2026) 189 final} -
{SWD(2026) 190 final} - {SWD(2026) 191 final} - {SWD(2026) 192 final}

1. INTRODUZZJONI U PUNTI EWLENIN

L-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) hija għodda ewlenija li permezz tagħha l-Unjoni Ewropea (UE) tappoġġa lil pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri fl-insegwiment tagħhom tat-tnaqqis tal-faqar, tat-tkabbir ekonomiku u tal-iżvilupp sostenibbli. L-UE unilateralment tagħti aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE lil tali pajjiżi billi telimina jew tnaqqas it-tariffi tal-importazzjoni; il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs, least developed countries) jibbenefikaw minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti. Sabiex tiġi promossa s-sostenibbiltà, il-benefiċjarji tal-SĠP huma meħtieġa jimplimentaw l-impenji tagħhom għal konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, l-ambjent u l-klima, u l-governanza tajba fir-rigward tal-kontroll tad-drogi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Il-monitoraġġ u r-rappurtar regolari huma parti mill-implimentazzjoni tal-SĠP kif stabbilit fir-Regolament SĠP¹. Bħall-edizzjoni preċedenti², dan il-ħames rapport³ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-SĠP huwa adottat b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) u r-Rappreżentant Għoli, minħabba l-importanza tal-SĠP anke mill-perspettiva tal-politika barranija u l-azzjoni esterna usa' tal-UE. Dan huwa l-aħħar rapport skont ir-Regolament SĠP attwali. Dan se jimmarka t-tranżizzjoni għar-Regolament SĠP il-ġdid, li b'mod partikolari se jinkludi rekwiżiti msaħħa ta' sostenibbiltà u trasparenza mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni u l-impatt tal-SĠP matul l-2023-2025 (il-“perjodu ta' rapportar”) permezz tat-tliet arranġamenti tagħha: 1) SĠP standard għal pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri⁴; 2) l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+), disponibbli għal daww il-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP Standard li jieħdu impenji ulterjuri ta' sostenibbiltà⁵; u 3) Kollox Minbarra Armi (KMA), li japplika għal-LDCs. Din is-sena hija l-25 anniversarju tal-istrument KMA tal-UE.

Bħalissa, 65 pajjiż li qed jiżviluppaw qed jibbenefikaw mill-SĠP tal-UE, li 44 minnhom huma LDCs. Dan jikkorrispondi għal aktar minn 3 biljun persuna madwar id-dinja, li minnhom aktar minn 1 biljun jgħixu f'LDCs. Fl-2024, il-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP ibbenefikaw minn tariffi preferenzjali b'valur stmat ta' ffrankar ta' EUR 5 biljuni, bil-benefiċjarji tal-KMA jammontaw għal aktar minn EUR 3 biljuni minn dan it-total.

L-akbar benefiċjarji tal-iskema huma l-Bangladesh (EUR 19-il biljun ta' importazzjonijiet tal-UE bl-użu tal-preferenzi tal-KMA fl-2024), l-Indja (EUR 11,7 biljun ta' importazzjonijiet tal-UE bl-użu tal-preferenzi tal-SĠP Standard), u l-Pakistan (EUR 7,1 biljuni ta' importazzjonijiet tal-UE bl-użu tal-preferenzi tal-SĠP+). Il-ħwejjeġ kienu bil-bosta s-settur ewlieni, li jammonta għal 59 % tal-kummerċ kollu taħt l-iskema SĠP.

Lil hinn mill-benefiċċji kummerċjali u ekonomiċi tagħha, l-SĠP tibqa' inċentiv attraenti u effettiv għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali, ambjentali u relatati mal-klima, abbażi ta' normi u standards rikonoxxuti internazzjonalment. Il-monitoraġġ u l-involviment tal-UE taħt l-SĠP għandhom rwol ewlieni: L-SĠP+ b'mod partikolari tiffaċilita l-involviment strutturat bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet benefiċjarji, u s-soċjetà ċivili. Huwa jappoġġa l-avvanz tal-impenji internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ambjent u jgħin biex jissaħħu r-riformi kontra l-korruzzjoni u l-istat tad-dritt. L-iskema tkompli tiżgura bilanċ bejn l-inkoraġġiment tal-potenzjal tat-tkabbir tal-kummerċ tal-pajjiżi benefiċjarji u l-promozzjoni ta' valuri kondiviżi u objettivi ta' sostenibbiltà. It-trawwim tal-kummerċ mal-benefiċjarji tal-SĠP

permezz tal-iffrankar tad-dazju jappoġġa wkoll l-ekonomija u n-negozji tal-UE, filwaqt li l-iskema tissalvagwardja l-interessi ekonomiċi tal-UE u l-kompetittività ta' setturi sensittivi.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn disa' Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal (SWDs) speċifiċi għall-pajjiż għal kull wieħed mit-tmien benefiċjarji attwali tal-SĠP+ il-Bolivja, Cabo Verde, il-Kirgistan, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, is-Sri Lanka, u l-Użbekistan u wieħed għall-pajjiżi tal-KMA taħt involviment imsaħħaħ (il-Bangladesh, il-Kambodja u l-Myanmar). Ir-rapport jirrifletti l-involviment tas-servizzi tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) mal-awtoritajiet tal-benefiċjarji, mas-soċjetà ċivili, mas-sħab soċjali u mal-komunitajiet tan-negozju, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' monitoraġġ għall-benefiċjarji tal-SĠP+ u involviment imsaħħaħ ma' xi benefiċjarji ewlenin tal-KMA. Ir-rapport jibni wkoll fuq u jinkorpora, kif xieraq, is-sejbiet tal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ f'oqsma relatati mal-kundizzjonijiet tal-SĠP għall-pajjiżi benefiċjarji.

2. ŻVILUPPI LEĠIŻLATTIVI MATUL IL-PERJODU TAR-RAPPORTAR

a) Żviluppi fl-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni adottat diversi atti legali relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-SĠP matul il-perjodu ta' rapportar:

- Gradwazzjoni tal-pajjiż mill-SĠP: L-Indoneżja laħqet l-istatus ta' Introjtu Medju Superjuri kif ikklassifikat mill-Bank Dinji għal 3 snin konsekuttivi u, għaldaqstant, se titlaq mill-SĠP mill-1 ta' Jannar 2027⁶. Għall-Kenja, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Kenja, li ilu japplika mill-1 ta' Lulju 2024, se jissostitwixxi bis-sħiħ l-SĠP mill-1 ta' Jannar 2027⁷.
- Tranżizzjoni mill-KMA għall-SĠP standard: Il-Bhutan iggradwa mill-istatus ta' LDC fit-13 ta' Diċembru 2023 abbażi ta' deċiżjoni tan-NU. Wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, il-Bhutan għalhekk se jieqaf jibbenefika mill-preferenzi tal-KMA u mit-tranżizzjoni għall-SĠP standard mill-1 ta' Jannar 2028.⁸ Bl-istess mod, São Tomé u Príncipe ggradwa mill-istatus ta' LDC fit-13 ta' Diċembru 2024 u mill-1 ta' Jannar 2029 se tgħaddi għal SĠP standard.⁹
- Limiti ta' vulnerabbiltà: Minbarra l-emendi għal-lista ta' pajjiżi benefiċjarji, ġie rieżaminat il-limitu ta' vulnerabbiltà rilevanti għall-SĠP+¹⁰.
- Gradwazzjoni tal-prodott: Il-preferenzi tariffarji tal-SĠP standard ġew sospiżi għas-snin 2023 sal-2025¹¹¹² għal diversi prodotti importati mill-Indja, l-Indoneżja u l-Kenja wara li ntlaħqu l-limiti ta' importazzjoni rilevanti u sussegwentement [anke għas-sena 2026].¹³
- Salvagwardji: Fl-2024, wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni, ġew imposti mill-ġdid miżuri ta' salvagwardja ġenerali għall-esportazzjoni tar-ross Indica mill-Kambodja u mill-Myanmar.¹⁴ Fl-2025, ġew imposti salvagwardji agrikoli speċjali għall-importazzjonijiet tal-etanol li joriġina mill-Pakistan.¹⁵

b) SĠP wara l-2026

L-għadd ta' benefiċjarji tal-SĠP huwa mistenni li jkompli jonqos fil-futur. F'termini tal-gradwazzjonijiet li ġejjin, żewġ benefiċjarji tal-SĠP+ ġew ikkwalifikati bħala Pajjiż bi Dħul Medju Għoli mill-Bank Dinji (Cabo Verde fl-2025, u l-Mongolja fl-2024 u fl-2025). Jekk ikunu kkwalifikati b'dan il-mod fi tliet snin konsekuttivi, ma jibqgħux jibbenefikaw mill-SĠP. Barra minn hekk, bosta mill-benefiċjarji attwali tal-KMA huma skedati li jiggradwaw mill-istatus ta' LDC fis-snin li ġejjin. Dawn il-pajjiżi (ara t-Taqsima 4c għad-dettall) joħorġu mill-KMA wara

perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin wara l-gradwazzjoni tal-LDC tagħhom u mbagħad x'aktarx jimxu għall-arranġament tal-SĠP Standard sakemm ma japplikawx b'suċċess għall-istatus aktar ta' benefiċċju tal-SĠP+.

Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ressqet proposta leġislattiva għall-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi l-ġdida tal-UE għall-perjodu 2024-2033¹⁶. Peress li din l-SĠP l-ġdida tal-UE kienet għadha ma ġietx adottata fl-2023, il-koleġiżlaturi estendew il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament SĠP attwali sal-31 ta' Diċembru 2027¹⁷. Ir-Regolament SĠP l-ġdid għall-2027–2036 ġie adottat fis-17 ta' Ġunju 2026 u se japplika mill-1 ta' Jannar 2027.¹⁸

il-ftehim dwar ir-Regolament il-ġdid huwa pass importanti u jiżgura li l-UE tkompli tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-insegwiment tagħhom tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli abbażi ta' qafas ġust u prevedibbli. Ir-Regolament il-ġdid jissalvagwardja l-approċċ ġeneruż tal-UE għall-konċessjonijiet tariffarji fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huwa jżomm id-direzzjoni ewlenija tal-leġiżlazzjoni preċedenti sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-prevedibbiltà għall-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP u l-esportaturi tagħhom, kif ukoll għall-importaturi tal-UE.

Ir-Regolament il-ġdid iżid ħames konvenzjonijiet internazzjonali ġodda¹⁹ mal-lista ta' strumenti rilevanti għall-SĠP li l-benefiċjarji tal-SĠP għandhom jirrispettaw (il-kundizzjonijiet tal-SĠP, ara t-Taqsima 3c), u jintroduċi l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, li jissostitwixxi l-Protokoll ta' Kjoto²⁰. Ir-Regolament il-ġdid jintroduċi l-possibbiltà li jiġi rtirat l-arranġament għal ksur serju u sistematiku tal-prinċipji relatati mal-konvenzjonijiet ambjentali u klimatiċi u ta' governanza tajba, kif ukoll għal nuqqasijiet serji u sistematiki relatati mal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' pajjiż benefiċjarju fil-kuntest tal-migrazzjoni irregolari. L-iskema l-ġdida se ttejjeb il-monitoraġġ, it-trasparenza u l-involviment tas-soċjetà ċivili, u tintroduċi proċedura ta' rtirar urġenti għal ksur partikolarment serju. Se tagħmel ukoll il-mekkaniżmi ta' salvagwardja aktar effettivi biex jiġu indirizzati każijiet fejn żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiż benefiċjarju tista' tagħmel ħsara lill-produtturi fl-UE.

Biex jinżamm l-istatus tal-SĠP+ skont ir-Regolament il-ġdid tal-SĠP, il-benefiċjarji attwali tal-SĠP+ se jkollhom jergħu japplikaw. L-applikanti kollha tal-SĠP+ se jkollhom jissottomettu Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-arranġament skont ir-regoli l-ġodda. il-benefiċjarji attwali tal-SĠP+ se jingħataw perjodu tranżitorju ta' sentejn sa tmien l-2028, u l-Kummissjoni u s-SEAE jinsabu lesta li jappoġġaw lill-benefiċjarji fil-proċess ta' applikazzjoni mill-ġdid.

3. IMPATT TAL-SĠP

a) Impatti Kummerċjali 2022-2024²¹


L-SĠP tipprevedi tliet arranġamenti li jirrispondu għal-livelli ta' żvilupp u impenn tal-benefiċjarji:

- L-SĠP standard tapplika għal pajjiżi eliġibbli b'introjtu baxx u medju inferjuri li ma għandhom l-ebda arranġament kummerċjali preferenzjali ieħor mal-UE. Dan jagħti tnaqqis fid-dazju ta' 66 % tal-linji tariffarji għall-importazzjonijiet fl-UE, b'26 % ta' dawn il-linji tariffarji jkunu mingħajr dazju. Hdx-il pajjiż bħalissa jibbenefikaw minn dan l-arranġament.²²
- Il-SĠP+ hija arranġament speċjali li joffri aċċess mingħajr dazju lill-benefiċjarji tal-SĠP standard għal 66 % tal-linji tariffarji, kontinġenti fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-

konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol, l-ambjent, il-klima u l-governanza tajba. Tmien pajjiżi bħalissa jibbenefikaw minn dan l-arrangament²³.

- il-KMA hija mfassla għal-LDCs u tipprovdi aċċess mingħajr dazju għall-importazzjonijiet kollha fl-UE, ħlief armi u munizzjon. L-UE qed toffri dan l-arranġament mingħajr ebda data ta' skadenza. 46 pajjiż jibbenefikaw mill-KMA, li tnejn minnhom (il-Bhutan u São Tomé u Príncipe) iggradwaw mill-istatus ta' LDC iżda, skont ir-Regolament SĠP, xorta jistgħu jibbenefikaw mill-KMA matul il-perjodu tranżitorju.

Illustrazzjoni 1: Benefiċjarji tal-SĠP




Nota: L-żoni griżi jirrappreżentaw pajjiżi li mhumiex koperti mill-SĠP tal-UE.

Fl-2024, l-UE importat kważi EUR 60 biljun f'oġġetti taħt il-preferenzi tal-SĠP, li minnhom ibbenefikaw il-pajjiżi sħab kif ukoll l-importaturi u l-konsumaturi tal-UE bl-istess mod. Minn dawn, ftit aktar minn 50 % jew EUR 30 biljun ta' prodotti ġew importati taħt l-arranġament tal-KMA, EUR 11,5 biljun minn benefiċjarji tal-SĠP+, u madwar EUR 17 biljun minn benefiċjarji tal-SĠP standard.

Importazzjonijiet tal-UE skont l-arranġament SĠP

Illustrazzjoni 2. Ix-xejra fl-importazzjonijiet tal-UE skont it-tliet arranġamenti tal-SĠP




L-importazzjonijiet taħt l-SĠP kienu sa EUR 59 biljun fl-2024 minn madwar EUR 52 biljun fl-2023, iżda naqsu meta mqabbla mal-oġġla livell tal-2022, meta l-importazzjonijiet li jużaw il-preferenzi tal-SĠP laħqu madwar EUR 77 biljun u meta mqabbla mal-pandemija ta' qabel il-COVID-19, għal EUR 62 biljun fl-2019. L-irkupru ta' wara l-COVID-19, flimkien mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li wasslet għal kriżi tal-enerġija, għollew il-prezzijiet globali u, għalhekk, il-valuri tal-importazzjoni tal-UE biex jirreġistraw l-oġġla livelli

fl-2022. Hekk kif l-irkupru tal-COVID-19 naqas u l-prezzijiet tal-enerġija naqsu mill-2023 'il quddiem, iċ-ċifri tal-kummerċ ġew normalizzati²⁴. Barra minn hekk, il-Vjetnam ma għadux benefiċjarju tal-SĠP Standard mill-1 ta' Jannar 2023, wara l-konklużjoni ta' FTA mal-UE. Dan naqqas ukoll il-kummerċ taħt il-preferenzi tal-SĠP Standard b'diversi biljuni ta' euro.

Taqsimiet ewlenin tal-prodotti li jibbenefikaw mill-SĠP

Illustrazzjoni 3: Taqsimiet ewlenin li qed jiġu importati taħt l-SĠP (SĠP Standard, SĠP+ u KMA) fl-2024 (EUR biljun u bħala sehem mill-importazzjonijiet ġenerali)



Fl-2024, il-ħwejjeġ (S-11b)²⁵ kienu, bil-bosta, is-settur li bbenefika l-aktar mill-SĠP b'importazzjonijiet ta' EUR 35,1 biljun fl-UE taħt l-iskema, li jammontaw għal 59 % tal-kummerċ kollu taħt l-SĠP. L-akbar setturi li jmiss kienu x-xedd tas-saqajn (S-12a) (EUR 3,8 biljun), u l-ħut, il-krustaċji u l-molluski (S-01b) (EUR 2 biljuni). Fis-snin kollha tal-perjodu ta' rapportar, il-ħwejjeġ (S-11b) kienu l-akbar settur. Madankollu, il-makkinarju u t-tagħmir (S-16) naqsu fl-importanza (mit-tieni post fl-2022 għat-tmien post fl-2024), filwaqt li kategoriji bħal vetturi, avjazzjoni u dgħajjes (S-17b) u Foods & Beverages ippreparati (S-04b) daħlu fl-ewwel għaxar postijiet mill-2022.


Iffrankar tal-SĠP mit-tariffi



Bis-saħħa tal-SĠP, il-pajjiżi benefiċjarji taħt it-tliet arranġamenti bbenefikaw minn madwar EUR 5 biljuni fi tnaqqis jew eżenzjonijiet tariffarji fl-2024, bil-pajjiżi tal-KMA jammontaw għal aktar minn EUR 3 biljuni mit-total²⁶. L-iffrankar tad-dazju jiġi akkumulat kemm mill-esportaturi fil-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP kif ukoll mill-importaturi tal-UE, u b'hekk ikun ta' benefiċċju wkoll għan-negozji u għall-konsumaturi tal-UE.

Pajjiżi ewlenin li jużaw l-SĠP

Illustrazzjoni 4: L-ewwel għaxar pajjiżi skont il-valur tal-użu tal-SĠP fl-2024




Ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi hija l-proporzjon tal-importazzjonijiet minn pajjiż speċifiku li uża l-preferenzi meta mqabbla mal-importazzjonijiet li teoretikament kienu eliġibbli għall-preferenzi tal-SĠP. Bħala medja, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi kienet ta' 88,8 % għall-importazzjonijiet kollha relatati mal-SĠP fl-UE fl-2024. Dan jilħaq medja ta' 94,5 % għal-LDCs taħt il-KMA. Xi pajjiżi jiksibu rata ta' utilizzazzjoni ta' 100 % f'ċerti taqsimiet, bħall-Etjopja fi fjuri maqtugħa (it-taqsimi S02-A). Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' użu ta' 100 % tal-konċessjonijiet tariffarji disponibbli taħt l-SĠP huma kumplessi, iżda l-fatturi jinkludu għarfien insuffiċjenti tas-sistema, nuqqasijiet amministrattivi, u koeżistenza ta' arranġamenti kummerċjali alternattivi.

Fl-2024, il-Bangladesh irreġistra l-ogħla valur ta' esportazzjonijiet lejn l-UE bl-użu tal-preferenzi tal-SĠP, li jammontaw għal EUR 19-il biljun, b'rata ta' użu qawwija ta' 96 %. L-Indja segwiet, b'importazzjonijiet fl-UE ta' EUR 11,7 biljun bl-użu tal-arranġament tal-SĠP Standard, b'rata ta' utilizzazzjoni aktar baxxa ta' 87 %. Fost il-benefiċjarji tal-SĠP+, il-Pakistan jispikka b'EUR 7,1 biljun ta' importazzjonijiet tal-SĠP+ fl-UE u rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi ta' 95,1 %, filwaqt li l-Uzbekistan għamilha fost l-akbar 10 benefiċjarju ġenerali tal-SĠP minn meta ssieħeb fl-SĠP+ fl-2021.

Pajjiżi li qed jesperjenzaw l-ogħla tkabbir fl-użu tal-SĠP

Bejn l-2022 u l-2024, il-Benin irreġistra l-ogħla tkabbir fl-użu tal-preferenzi SĠP, b'żieda ta' 128 %, minn EUR 5,1 miljun fl-2022 għal EUR 11,7 miljun fl-2024. il-Malawi kklassifika fit-tieni post fit-tkabbir fl-użu tal-SĠP, b'żieda ta' 19 % matul l-istess perjodu, li kkontribwiet għal żieda ta' 13 % fl-esportazzjonijiet totali tiegħu lejn l-UE. São Tomé u Príncipe, u l-Eritrea ngħaqdu mal-pajjiżi bl-ogħla tkabbir fl-użu tal-SĠP, li kienu kollha benefiċjarji tal-arranġament KMA. Is-setturi li jixprunaw it-tkabbir varjaw bejn il-pajjiżi, pereżempju, il-Benin ra l-aktar żidiet qawwija fit-tessuti (S-11a u S11-b).

Illustrazzjoni 5. Jintużaw l-ewwel 4 pajjiżi fit-tkabbir tal-SĠP (2022-2024)



b) Konformità ma' konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali

il-benefiċjarji tal-SĠP ikomplu, b'mod ġenerali, jagħmlu progress lejn l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett tal-prinċipji u l-istandards internazzjonali li huma parti mill-kundizzjonalità tal-SĠP.

Għalkemm ir-ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali waħedha mhijiex biżżejjed biex jinżammu l-istandards internazzjonali, hija l-ewwel pass fundamentali. il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP għandhom rati għoljin ta' ratifika fir-rigward tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. Pereżempju, fost il-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA (li mhumie x soġġetti għall-obbligu li jirratifikaw formalment il-konvenzjonijiet rilevanti għall-SĠP), il-Bangladesh — il-benefiċjarju tal-KMA li jibbenefika l-aktar mill-iskema — irratifika s-27 konvenzjoni kollha li bħalissa huma elenkati fir-Regolament SĠP kif ukoll il-konvenzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu introdotti mir-Regolament SĠP il-ġdid.

L-isforzi ta' ratifika tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom it-tendenza li jmorru lil hinn mil-lista stabbilita formalment ta' konvenzjonijiet u ftehimiet rilevanti elenkati fir-Regolament SĠP. Pereżempju, it-tmien benefiċjarji kollha tal-SĠP+ irratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u huma partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, li mhumie x elenkati fir-Regolament SĠP attwali iżda se jkunu parti mill-iskema mill-2027.

Għadd kbir ta' benefiċjarji tal-SĠP avvanzaw ukoll fir-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) li għadhom kif ġew stabbiliti relatati mas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, kif ukoll konvenzjonijiet oħra tal-ILO, pereżempju dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol u l-konsultazzjonijiet tripartitiċi, li lanqas ma huma elenkati fir-Regolament SĠP attwali.

Kif stabbilit aktar fit-taqsima 4b) hawn taħt u fl-SWDs maħruġa flimkien ma' dan ir-Rapport, b'mod partikolari l-SĠP+ tibqa' qafas b'saħħtu u strutturat li jorbot il-kummerċ mal-iżvilupp sostenibbli, pjattaforma għad-djalogu u r-riforma tal-politika. L-SĠP+ tipprovdi wkoll inċentivi u faċilitaturi b'saħħithom għall-benefiċjarji biex jikkonformaw ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment li huma stess iddeċidew li jimpenjaw ruħhom għalihom.


4. IT-TLIET ARRANGAMENTI

a) SĠP Standard

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-benefiċjarji tal-SĠP Standard komplew jammontaw għal sehem sinifikanti tal-importazzjonijiet totali tal-SĠP ta' 29,3 % fl-2024. L-ilbies (S-11b), ix-

xedd tas-saqajn (S-12a), u l-prodotti kimiċi (S06b) kienu l-prodotti ewlenin li bbenefikaw mill-SĠP Standard fl-2024. Mill-ħdax-il benefiċjarju attwali tal-SĠP Standard (b'Vanuatu miżjud fl-2025), l-Indja u l-Indoneżja kienu l-benefiċjarji ewlenin, bl-Indja tirrappreżenta EUR 11,7 biljun tal-importazzjonijiet kollha fl-UE taħt il-preferenzi tal-SĠP fl-2024, u l-Indoneżja ssegwi EUR 5,56 biljun. Madankollu, dan se jinbidel peress li, minbarra l-Indoneżja u l-Kenja (ara t-taqsimu 2), l-Indja hija mistennija li tiggradwa mill-SĠP Standard u b'hekk toħroġ mill-iskema ladarba l-ftehim kummerċjali bilaterali mal-UE (in-negozjati konklużi fi Frar 2026) jidhrol fis-seħħ u jiskadi l-perjodu ta' tranżizzjoni sussegwenti ta' sentejn.

Illustrazzjoni 6. Xejriet fl-importazzjonijiet eliġibbli għall-SĠP Standard, l-importazzjonijiet użati, u l-użu




Filwaqt li r-rata ta' użu taħt l-SĠP Standard tvarja f'livell għoli, kemm l-importazzjonijiet eliġibbli kif ukoll dawk li fil-fatt jitolbu l-preferenzi tal-SĠP naqsu mil-livelli ta' qabel il-COVID, minn EUR 37 biljun eliġibbli u EUR 29 biljun użati fl-2019 għal EUR 21 biljun eliġibbli u EUR 17-il biljun użati fl-2024. Dan kien prinċipalment dovut għal pajjiżi li telqu mill-SĠP Standard, b'mod partikolari l-Vjetnam minn Jannar 2023, wara l-perjodu ta' tranżizzjoni wara li dan l-eks benefiċjarju ewlieni daħal fi FTA mal-UE fl-2020. Barra minn hekk, l-Użbekistan aġġorna għall-SĠP+ f'April 2021.

b) SĠP+

Ix-xejra għall-importazzjonijiet tal-SĠP+ hija pjuttost pożittiva, u twarrab l-irkupru tal-COVID-19 u l-effetti tal-prezzijiet tal-enerġija tal-2022. L-importazzjonijiet eliġibbli għall-SĠP+ żdiedu mil-livelli ta' qabel il-COVID-19 ta' EUR 10 biljuni fl-2019 għal EUR 13-il biljun fl-2024; konsegwentement, l-importazzjonijiet li għalihom fil-fatt intalbu preferenzi huma sa EUR 11-il biljun fl-2024.

Illustrazzjoni 7. Xejra fl-importazzjonijiet u l-użu tal-SĠP+



Ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi għall-importazzjonijiet tal-UE skont l-arranġament SĠP+ żdiedet minn 86,9 % fl-2022 għal 87,3 % fl-2024. Dan it-titjib modest segwa tnaqqis fl-2023, meta r-rata naqset għal 79,3 %. ²⁷

il-Pakistan kien il-benefiċjarju ewlieni tal-SĠP+, bl-użu ta' preferenzi għal EUR 7,1 biljun f'importazzjonijiet tal-UE. il-Filippini segwew b'madwar EUR 2,3 biljun f'importazzjonijiet tal-UE, u s-Sri Lanka kienet it-tielet l-akbar benefiċjarju tal-SĠP+ f'termini ta' valur ta' EUR 1,5 biljun.

F'termini ta' konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali elenkati fir-Regolament SĠP matul il-perjodu ta' rapportar, il-benefiċjarji kollha tal-SĠP+ żammew ir-ratiffika sħiħa tas-27 konvenzjoni u ftehim internazzjonali rilevanti għall-SĠP u ma ħarġu l-ebda riżerva ġdida.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn tmien Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal speċifiċi għall-pajjiż li jipprovdu dettall sħiħ dwar l-impenji tal-benefiċjarji tal-SĠP+ dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, l-ambjent u l-klima, u l-governanza tajba — u l-involvement tal-UE ma' dawn il-pajjiżi sħab f'dawn l-oqsma. Kif spjegat aktar fid-dettall f'dawk l-SWDs, ġew osservati ħafna żviluppi pożittivi matul il-perjodu ta' rapportar, iżda għad fadal sfidi.

Ħafna benefiċjarji attwali tal-SĠP+ saħħew il-leġiżlazzjoni dwar **id-drittijiet tal-bniedem** u l-arranġamenti istituzzjonali matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport. Pereżempju, il-Kirgistan, l-Uzbekistan, is-Sri Lanka u l-Pakistan kollha saħħew il-leġiżlazzjoni kontra l-vjolenza domestika, filwaqt li l-Bolivja, il-Mongolja, l-Uzbekistan u l-Filippini adottaw riformi għall-protezzjoni tat-tfal. Il-Pakistan naqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-piena tal-mewt u adotta regoli ta' implimentazzjoni tal-Att Kontra t-Tortura, kif ukoll Atti ġodda ta' Trażżin taż-Żwieġ tat-Tfal f'Balochistan u Islamabad. Is-Sri Lanka saħħet l-istituzzjonijiet nazzjonali domestiċi tad-drittijiet tal-bniedem, u l-Filippini stabbilixxew mekkaniżmi ġodda ta' sorveljanza u korpi ta' koordinazzjoni interministerjali għad-drittijiet tal-bniedem.

Il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji tal-SĠP+ urew ukoll progress fir-rigward tad-**drittijiet tax-xogħol**. Pereżempju, il-Mongolja kienet il-pijuniera ta' modulu dwar ix-xogħol furzat fl-ekonomija privata fi sħarriġ nazzjonali dwar il-forza tax-xogħol u inkludiet taqsima dwar ix-xogħol tal-lieva. Kien hemm sforzi kontinwi biex jinqered ix-xogħol furzat fl-Użbekistan, u l-Filippini pproduċew pjan direzzjonali biex javvanzaw il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u strateġija biex jitnaqqas it-tħaddim tat-tfal. il-Pakistan irratifika l-Protokoll tal-ilO għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat u beda inizjattiva għat-tranżizzjoni tal-ħaddiema mill-ekonomija informali għal dik formali biex ikompli jippromwovi x-xogħol deċenti. Diversi pajjiżi benefiċjarji introduċew miżuri biex inaqqsu t-tħaddim tat-tfal u jsaħħu l-oqfsa kontra t-traffikar.

Ħafna benefiċjarji tal-SĠP+ baqgħu impenjati wkoll għall-**protezzjoni ambjentali**, billi ssottomettew rapporti dwar it-trasparenza klimatika skont il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali rilevanti; it-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijodiversità u l-oqsma protetti u l-pjanijiet ta' azzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità; l-avvanz tal-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Montreal²⁸; u t-twettiq ta' ppjanar tal-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima marbut mal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) fil-kuntest tal-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.

Il-governanza fir-rigward tal-kontroll tad-drogi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tjiebet f'għadd ta' pajjiżi. Dan kien jinkludi politiki aġġornati maħsuba biex jiġġieldu l-korruzzjoni fil-Bolivja, il-Kirgistan, il-Pakistan u s-Sri Lanka.

Madankollu, għad hemm sfidi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-SĠP+.

It-tħassib trasversali dwar id-**drittijiet tal-bniedem** komuni għal ħafna benefiċjarji tal-SĠP+ jinkludi indipendenza ġudizzjarja insuffiċjenti u aċċess limitat għar-rimedju u r-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi, ir-restrizzjonijiet għall-ispazju ċiviku, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media; rapporti ta' tortura, nuqqas ta' responsabbiltà, u allinjament mhux komplut tal-oqfsa domestiċi mal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura²⁹; vjolenza persistenti abbażi tal-ġeneru (GBV, gender-based violence), li tkompli b'impunità; u d-diskriminazzjoni strutturali kontra l-minoranzi u l-persuni LGBTIQ+. F'xi pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+, il-protezzjoni tad-drittijiet soċjoekonomiċi kkuntrastat ma' strateġiji dgħajfa kontra l-faqar, opportunitajiet limitati ta' edukazzjoni, lakuni kbar fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, jew nuqqas ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa. il-lakuni fid-data għadhom sinifikanti wkoll, b'mod partikolari relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-investigazzjonijiet tat-tortura, it-tħaddim tat-tfal, u l-prosekuzzjonijiet tat-traffikar tal-bnedmin.

Bl-istess mod, fir-rigward tad-**drittijiet tax-xogħol**, filwaqt li l-oqfsa leġiżlattivi tjiebu, l-implimentazzjoni u l-infurzar għadhom irregolari, u l-ispettorati tax-xogħol spiss jiffaċċjaw restrizzjonijiet fil-kapaċità. B'mod ġenerali, id-diskriminazzjoni kontra l-gruppi vulnerabbli kollha għadha tippersisti. il-libertà ta' assoċjazzjoni għadha ristretta f'diversi ġuriżdiżjonijiet u l-kopertura tan-negozjar kollettiv hija limitata f'ħafna kuntesti. It-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat għadhom prevalenti, speċjalment fl-agrikoltura u fis-settur informali. Id-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema nisa xorta għandhom jittejbu. il-lakuni fid-data fil-konvenzjonijiet rilevanti kollha tal-ilO tal-SĠP+ għandhom jiġu indirizzati mingħajr dewmien.

Ħafna benefiċjarji tal-SĠP+ iffaċċjaw ukoll restrizzjonijiet fuq il-**protezzjoni ambjentali**, b'dewmien fir-rapportar ambjentali (pereżempju skont l-oqfsa tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma³⁰, CITES³¹, tal-Protokoll ta' Kartagena³²); il-limitazzjonijiet tal-kapaċità u tar-riżorsi li jaffettwaw l-infurzar, u l-vulnerabbiltà klimatika sinifikanti li toħloq pressjoni fuq is-sistemi istituzzjonali. Filwaqt li l-impenji huma ambizzjużi, l-implimentazzjoni spiss taqa' lura.

Il-governanza tista' tissaħħaħ permezz ta' sforzi aktar b'saħħithom biex jiġi miġġieled it-traffikar tad-droga, miżura mtejba min-naħa tad-domanda f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u aktar sforzi kontra l-korruzzjoni.

Barra minn hekk, il-kriżijiet ekonomiċi (il-Bolivja, is-Sri Lanka) u d-diżastri naturali (il-Pakistan, il-Filippini, is-Sri Lanka) aggrawaw l-isfidi strutturali u komplew ifixklu l-kapaċità ta' implimentazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar.


il-proġetti ta' sħubija tal-UE jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati xi wħud minn dawn l-isfidi permezz ta' kooperazzjoni u miżuri speċifiċi għall-pajjiż huma deskritti fl-SWDs tal-SĠP+ li jakkumpanjaw dan ir-Rapport.

c) Arranġament Kollox Minbarra Armi

i. Data ekonomika

il-benefiċċji tal-SĠP tal-UE huma l-aktar sostanzjali għall-benefiċjarji tal-KMA. L-importazzjonijiet preferenzjali mill-benefiċjarji tal-KMA kienu ta' EUR 30,6 biljun fl-2024, żieda minn EUR 25,2 biljun fl-2019.

Illustrazzjoni 8. Xejra fl-importazzjonijiet u l-utilizzazzjoni tal-KMA



Ir-rati ta' utilizzazzjoni skont l-arranġament tal-KMA varjaw biss bi ftit bejn l-2022 u l-2024. Ir-rata kienet ta' 94,6 % fl-2022, imbagħad naqset għal 88,4 % fl-2023 u sussegwentement irkuprat għal 94,5 % fl-2024. Fl-2022, l-importazzjonijiet skont l-arranġament tal-KMA laħqu l-oġġla livell minħabba l-irkupru tal-COVID-19 u l-prezzijiet tal-enerġija msemija hawn fuq. Meta wieħed iħares lejn ix-xejra maż-żmien, hemm żieda mill-importazzjonijiet ta' qabel il-COVID-19 fl-2019 (EUR 27 biljun f'importazzjonijiet eliġibbli, li minnhom importazzjonijiet b'valur ta' EUR 25 biljun użaw preferenzi tal-KMA) għall-2024 (EUR 32 biljun f'importazzjonijiet eliġibbli, li minnhom importazzjonijiet b'valur ta' EUR 31 biljun użaw preferenzi tal-KMA).

Illustrazzjoni 9. Importazzjonijiet tal-UE skont l-arranġament tal-SĠP u minn pajjiżi b'involverment imsaħħaħ tal-KMA

	Importazzjonijiet tal-UE mill-SĠP (f'miljuni ta' EUR), esklużi dawk mhux preferenzjali				sehem tal- importazzjonijiet mill- pajjiżi tal-KMA 2022– 2024
	2019 ³³	2022	2023	2024	
SĠP (kollha)	62 326	77 393	52 419	59 450	
SĠP Standard	28 665	27 489	15 331	17 402	
SĠP+	8 496	13 662	9 896	11 476	
KMA (kollha)	25 164	36 243	27 192	30 573	
KMA (l-Afrika biss)	2 782	4 141	3 151	3 888	11,9 %
Involvement Imsaħħaħ taħt il-KMA					
Il-Bangladesh	15 366	23 134	17 064	19 019	63,0 %
Il-Kambodja³⁴	4 174	4 324	3 534	4 207	12,8 %
Il-Myanmar	2 471	4 112	2 993	2 962	10,7 %

Matul il-perjodu ta' rapportar u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-COVID, l-importanza relatviva tal-KMA b'mod ġenerali, iżda b'mod partikolari tal-benefiċjarji tal-KMA fil-kontinent Afrikan, kompliet tiżdied. Fl-istess ħin, tlieta mill-akbar benefiċjarji tal-KMA komplew ikunu taħt involviment imsaħħaħ. Ir-rapport jirrifletti aktar dwar dawn ix-xejriet hawn taħt.

ii. Benefiċjarji li jiggradwaw

L-għan tal-SĠP huwa li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku. Għalhekk, hija aħbar tajba meta l-benefiċjarji jitolgħu mill-istatus tagħhom tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, jiġifieri meta jiggradwaw u sussegwentement joħorġu mill-arranġament tal-KMA wara perjodu ta' tranżizzjoni. Għad għandhom l-opportunità li japplikaw għall-SĠP+ biex iżommu l-biċċa l-kbira tal-benefiċċji tagħhom.

Huma mistennija diversi movimenti 'l fuq fil-futur qrib. **Il-Bangladesh**, ir-RDP tal-Laos, u n-Nepal huma skedati għall-gradwazzjoni tal-LDC fl-2026³⁵; **Il-Gżejjer Solomon** huma skedati għall-gradwazzjoni fl-2027; u **l-Kambodja** u **s-Senegal** huma skedati għall-gradwazzjoni fl-2029.

Fir-rieżami triennali tal-2024 tas-CDP (Kumitat għall-Politika tal-Iżvilupp) tan-NU, ir-Repubblika **tar-Rwanda**, **l-Uganda** u **t-Tanzanija** nstabu li laħqu l-limiti tal-gradwazzjoni għall-ewwel darba. It-tliet pajjiżi kollha ssodisfaw tnejn mit-tliet kriterji. Dawn il-pajjiżi huma skedati li jerġgħu jiġu kkunsidrati fl-2027 u, jekk jissodisfaw il-kriterji għat-tieni darba, jistgħu jiġu rrakkomandati għall-gradwazzjoni.


Kiribati u **Tuvalu** ġew rakkomandati għall-gradwazzjoni tal-LDCs fl-2018 u fl-2012, rispettivament, iżda l-ECOSOC³⁶ iddifferixxa deċiżjoni dwar il-gradwazzjoni tagħhom. Fl-2024, l-ECOSOC, filwaqt li fakkar fid-deċiżjoni tiegħu fl-2021 li jipposponi l-kunsiderazzjoni tal-gradwazzjoni tagħhom għall-2024, iddeċieda wkoll li jikkunsidra l-gradwazzjoni tagħhom f'data aktar tard.

Fir-rieżami triennali tal-2024, is-CDP tan-NU ddeċieda li jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-gradwazzjoni tal-**Myanmar** u **Timor Leste** għal 2027.

Għall-benefiċjarji attwali tal-KMA, il-bidla għall-SĠP+ wara l-gradwazzjoni tagħhom tippreserva livell ġeneralment ekwivalenti ta' ffrankar, anke ta' madwar EUR 3,3 biljun għall-2024, filwaqt li t-tranżizzjoni sempliċi għall-SĠP standard tnaqqashom għal madwar EUR 0,75 biljun, tnaqqis ta' madwar 80 % (ara l-Figura 10). Is-sħubija fl-SĠP+ qatt ma tista' tikkumpensa bis-sħiħ għall-istatus ta' KMA peress li tinvolvi fost l-oħrajn li wieħed isir soġġett għal ċerti salvagwardji speċjali u regoli tal-oriġini aktar stretti li normalment inaqqsu l-preferenzi li jistgħu jintalbu b'mod effettiv. Dan huwa partikolarment evidenti għall-pajjiżi li jesportaw il-ħwejjeġ.

Minbarra l-perjodi ta' tranżizzjoni ġenerużi, l-UE se tkompli tappoġġa lill-pajjiżi li jiggradwaw mill-arranġament KMA, b'mod partikolari l-pajjiżi benefiċjarji li jfittxu li jissieħbu fl-arranġament SĠP+ minn hemm 'il quddiem; bil-ħsieb li jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-esportaturi minn dawn il-pajjiżi u fuq il-kumpaniji tal-UE li jinnegozjaw magħhom.

Illustrazzjoni 10: Iffrankar stmat fit-tariffi/gwadanji fid-dħul taħt il-KMA meta mqabbel mal-SĠP+ jew l-SĠP Standard għall-istess benefiċjarji fl-2024 (EUR biljun)




iii. il-promozzjoni tal-kompetittività tal-Afrika

Tliet kwarti tal-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA jinsabu fil-kontinent Afrikan (33 mis-46³⁷). Dalwaqt, il-pajjiżi Afrikani se jkunu l-grupp dominanti fil-KMA, minħabba l-għadd u d-daqs sinifikanti ta' benefiċjarji Asjatiċi li huma mistennija li jiggradwaw mill-iskema. It-tliet arranġamenti kollha taħt l-SĠP tal-UE huma pilastri importanti tal-appoġġ tal-UE għad-diversifikazzjoni u l-integrazzjoni ekonomika tal-Afrika fil-ktajjen tal-valur globali iżda l-KMA tispikka.

L-importazzjonijiet preferenzjali tal-UE mill-benefiċjarji Afrikani tal-KMA kienu ta' EUR 3,9 biljun fl-2024, żieda minn EUR 2,8 biljun fl-2019 (ara wkoll it-Tabella/illustrazzjoni 9 hawn fuq). Ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi tal-KMA kienet ta' 88,9 % fl-2024, li turi użu akbar tal-preferenzi mill-benefiċjarji Afrikani matul l-aħħar snin, iżda wkoll potenzjal li jsir aktar. Bis-saħħa tal-aċċess mingħajr dazju tal-arranġament tal-KMA, il-benefiċjarji Afrikani tal-KMA ġew eżentati minn madwar EUR 213 miljun f'dazji tal-importazzjoni tal-UE fl-2024. Matul il-perjodu 2022–2024, l-akbar esportaturi Afrikani tal-KMA kienu l-Mozambique (EUR 4,2 biljun), il-Mauritania (EUR 1,2 biljun), l-Etjopja (EUR 975,5 miljun), it-Tanzanija (EUR 934,7 miljun), u l-Madagaskar (EUR 848,1 miljun).

Illustrazzjoni 11: L-aktar 5 benefiċjarji tal-KMA fl-Afrika (it-total tal-importazzjonijiet użati mill-KMA; miljuni ta' EUR)



Kif indikat hawn fuq, barra mill-KMA, xi pajjiżi Afrikani jibbenefikaw minn arranġamenti oħra tal-SĠP. In-Niġerja, ir-Repubblika tal-Kongo, u l-Kenja jaqgħu taħt l-SĠP standard (bil-Kenja tiggradwa fl-2027 minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Kenja fl-1 ta' Lulju 2024), filwaqt li Cabo Verde jibbenefika mill-SĠP+. Għall-perjodu 2022-2024, l-importazzjonijiet aggregati tal-UE bl-użu tal-preferenzi tal-SĠP minn dawn l-erba' pajjiżi Afrikani ammontaw għal total ta' EUR 579,4 miljun, bin-Niġerja tirrappreżenta l-akbar sehem (EUR 372,4 miljun b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 70 %), segwita minn Cabo Verde (EUR 172,5 miljun; rata ta' utilizzazzjoni ta' 85 %), il-Kenja (EUR 15,7 miljun; rata ta' utilizzazzjoni ta' 1 %³⁸), u r-Repubblika tal-Kongo (EUR 18,7 miljun; rata ta' utilizzazzjoni ta' 58 %). B'mod partikolari, l-istatus tal-SĠP+ ta' Cabo Verde jipprovdi eżenzjonijiet mid-dazju ferm akbar milli kienet tagħmel l-SĠP Standard (EUR 12,0-il miljun meta mqabbel ma' EUR 3,9 miljun) li jirrappreżentaw EUR 8,1 miljun addizzjonali fi preferenzi.³⁹

Meta mqabbla ma' skemi simili li bihom pajjiżi żviluppatti oħra jagħtu preferenzi unilaterali, il-KMA tal-UE għandha l-ogħla numru ta' prodotti differenti esportati (53 % tal-linji tariffarji totali)⁴⁰ li juri li l-importazzjonijiet tal-UE mil-LDCs huma diversifikati ħafna. Skont l-UNCTAD⁴¹, il-KMA tal-UE toffri l-akbar iffrankar tariffarju f'termini assoluti, meta mqabbla mal-iskemi tal-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Kanada⁴². Għall-kuntrarju tar-reġimi speċjali offruti lill-Afrika miċ-Ċina jew mill-Istati Uniti, l-arranġament KMA jispikka mhux biss għall-eliġibbiltà awtomatika tiegħu għal-LDCs kollha, iżda wkoll minħabba li ma għandu l-ebda data ta' skadenza. Din il-karatteristika unika tipprovdi ċertezza fit-tul għan-negozju u toffri benefiċċji sinifikanti għall-pajjiżi benefiċjarji Afrikani: billi tneħħi l-ħtieġa għal tiġdid perijodiku tipiku tal-arranġamenti tal-SĠP ta' pajjiżi oħra, il-KMA trawwem il-fiduċja tal-investituri, tiffaċilita deċiżjonijiet strateġiċi ta' investiment u tħeġġeġ id-diversifikazzjoni tal-istrutturi tal-esportazzjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti fi żminijiet ta' sfidi addizzjonali

għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li qed jiffaċċjaw inqas appoġġ u diffikultajiet akbar biex jaċċessaw ċerti swieq oħra.

Għalhekk, il-KMA u l-aċċess ġeneruż tagħha għas-suq għal-LDCs fl-Afrika u lil hinn minnha huma prova tal-impenn qawwi tal-UE li tkompli tappoġġa t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli fl-LDCs u l-integrazzjoni ulterjuri tagħhom fl-ekonomija globali permezz ta' termini kummerċjali miftuħa, stabbli u prevedibbli.

iv. Involvement imsaħħaħ

B'mod parallel mal-monitoraġġ kontinwu mal-benefiċjarji tal-SĠP+, il-Kummissjoni u s-SEAE jwettqu wkoll proċessi ta' involviment imsaħħaħ biex jappoġġaw u jinċentivaw lill-pajjiżi benefiċjarji individwali tal-KMA biex itejbu r-rekord tagħhom f'oqsma kritiċi relatati mal-SĠP, b'mod partikolari konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol. Dan l-involvement imsaħħaħ mal-**Bangladesh**, mal-**Kambodja**⁴³ u mal-**Myanmar** huwa partikolarment rilevanti wkoll fid-dawl tas-sehem importanti ħafna tagħhom tal-importazzjonijiet totali tal-UE skont l-arranġament KMA, kif muri fit-Tabella/fl-illustrazzjoni 9 hawn fuq. Fl-istess ħin, dawn jippreżentaw sitwazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' żvilupp differenti ħafna, li wasslu biex jinbeda proċess ta' involviment imsaħħaħ iddedikat li jsegwi perkors u fokus differenti ma' kull wieħed minnhom. L-impjenji rispettivi jqisu wkoll l-istrumenti kollha tal-UE disponibbli — lil hinn mill-KMA — biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati. Aktar dettall dwar it-tliet pajjiżi benefiċjarji tal-KMA taħt involviment imsaħħaħ huwa pprovdut fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal iddedikati li jakkumpanjaw dan ir-Rapport.

5. SHUBIJET U KOOPERAZZJONI / APPOĠĠ GĦALL-BENEFIĊJARJI TAL-SĠP

Filwaqt li l-SĠP hija għodda komprensiva biex tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli fit-tul fil-pajjiżi benefiċjarji, il-politika kummerċjali jeħtieġ li tkun akkoppjata mal-politika tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni biex tinkiseb l-effettività mixtieqa⁴⁴. Il-biċċa l-kbira tal-Programmi Indikattivi Pluriennali (MIPs) tal-UE għall-2021-2027 li jiddefinixxu l-oqsma ta' prijetà u l-oġettivi speċifiċi tal-UE għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jinkludu appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi deċenti, b'kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti. Il-ħidma lejn ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet u l-impjenji relatati mal-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, u l-istandards ambjentali għandhom ukoll appoġġ wiesa' mill-MIPs. Għat-tmien pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+, il-MIPs kollha jagħtu attenzjoni partikolari lill-konformità mal-SĠP+ u lill-appoġġ għall-oqsma rilevanti tal-iżvilupp sostenibbli.


Id-drittijiet tax-xogħol kienu fokus partikolari tal-proġett Kummerċ għal Xogħol Deċenti (2019-2021 u 2022-2024, EUR 6 miljuni), kofinanzjat mill-UE u l-Finlandja u implimentat mill-iLO. Ippromwova l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-iLO f'seba' pajjiżi skont l-arranġamenti SĠP+ u KMA tal-UE (il-Bangladesh, Cabo Verde, il-Mongolja, Madagascar, il-Mozambique, il-Pakistan, u l-Filippini).

Ferġha oħra tal-appoġġ tal-UE lill-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP, iffukata b'mod aktar espliċitu fuq l-iżgurar li l-kummerċ ikun jista' jintuża bħala strument għall-iżvilupp sostenibbli, hija l-inizjattiva Għajnuna għall-Kummerċ (AfT)⁴⁵. Permezz tal-AfT, l-UE tappoġġa lill-pajjiżi sħab

fil-ħolqien tal-ambjent it-tajjeb għall-kummerċ biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-integrazzjoni sostenibbli fl-ekonomija dinjija.

L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, kienet l-akbar fornitur tal-AfT minn meta tnediet l-inizjattiva. Fl-2023⁴⁶, l-UE impenjat EUR 16,2 biljun lill-pajjiżi sħab taħt l-AfT, li ħafna minnhom huma benefiċjarji tal-SĠP. Meta wieħed iħares speċifikament lejn il-benefiċjarji tal-SĠP+, kif imsemmi hawn fuq, l-UE tappoġġahom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-arranġament iżda permezz tal-AfT tgħinhom ukoll biex jagħmlu użu sħiħ mill-preferenzi pprovduti taħt din l-iskema. il-finanzjament tal-AfT mogħtija mill-UE għall-2021-2023 lit-tmien benefiċjarji tal-SĠP+, total ta' EUR 1,4 biljun iffoka fuq oqsma bħall-bini tal-infrastruttura, it-titjib tal-kapaċità tal-produzzjoni (inkluż ir-riforma tal-klima tal-investiment u l-iżvilupp tal-katina tal-valur), il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-implimentazzjoni u l-konformità mal-istandards, u ħafna aktar.

Illustrazzjoni 12. Finanzjament tal-Għajjnuna għall-Kummerċ tal-UE lill-benefiċjarji tal-SĠP+, total ta' EUR 1,4 biljun, 2021–2023



Fl-aħħar nett, l-AfT tappoġġa l-ambjent li jippermetti l-kummerċ u l-investiment tal-Global Gateway⁴⁷, strateġija ewlenija mnedija fl-2021 biex timmobilizza l-investimenti f'setturi ta' prijorità. F'konformità mal-ambizzjonijiet ġeopolitiċi u l-impenn tal-UE għall-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030, l-istrateġija tal-Global Gateway għandha l-għan li tagħti spinta lil investimenti intelliġenti, nodfa u siguri fil-qasam diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, u li ssaħħa is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja filwaqt li tippromwovi valuri universali u standards għoljin, governanza tajba u trasparenza.

L-UE appoġġat ukoll l-għoti ta' informazzjoni komprensiva, trasparenti u ċentralizzata dwar l-SĠP għall-benefiċjarji, għan-negozji, għas-soċjetà ċivili, u għal dawk li jfasslu l-politika bl-istess mod permezz tal-proġett tal-Hub tal-SĠP. Iċ-Ċentru tal-SĠP beda fl-2019 u kellu l-għan li jtejjeb is-sensibilizzazzjoni u t-trasparenza tal-SĠP, il-benefiċċji ekonomiċi tagħha u l-monitoraġġ tagħha, permezz ta' sit web iddedikat⁴⁸, pubblikazzjonijiet bil-miktub, u sensiela

ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni fl-Ewropa u fil-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP. Iż-żamma u l-aġġornament tas-sit web se jkompli taħt ir-Regolament SĠP il-ġdid.

6. KONKLUŻJONIJIET

Matul l-aħħar ċiklu ta' monitoraġġ tal-SĠP skont ir-Regolament SĠP tal-2012 (2023-2025), l-iskema kompliet tilħaq l-oġġettivi ewlenin tagħha li tikkontribwixxi għall-progress ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji.

L-SĠP tal-UE pprovdiet benefiċċji ekonomiċi ġenerużi lill-pajjiżi sħab kif ukoll lill-importaturi u lill-konsumaturi tal-UE, u baqgħet sors ta' stabbiltà u prevedibbiltà fi żminijiet ta' volatilità kummerċjali, ekonomika u ġeopolitika.

Kważi EUR 60 biljun f'oġġetti ġew importati mill-UE fl-2024 bl-użu tal-preferenzi tal-SĠP, li kienu ta' benefiċċju kemm għall-importaturi tal-UE kif ukoll għall-pajjiżi benefiċjarji. L-importazzjonijiet totali li jużaw il-preferenzi tal-SĠP fl-2022–2024 varjaw f'konformità ma' xejriet usa', filwaqt li baqgħu kemxejn oġhla mil-livelli ta' qabel il-COVID-19 meta jitqiesu l-benefiċjarji sinifikanti li jutilqu mill-iskema tal-SĠP.

L-akbar kategorija ta' benefiċjarji kemm skont l-għadd ta' benefiċjarji kif ukoll skont il-valur tal-importazzjonijiet baqgħet l-LDCs skont l-arranġament tal-KMA, li għandhom ukoll l-oġhla rati ta' użu bi kważi 95 %. L-importanza relattiva tal-KMA se tkompli tiżdied hekk kif benefiċjarji kbar tal-SĠP Standard (l-Indja, u l-Indoneżja) u benefiċjarji tal-SĠP+ (il-Filippini) jagħgornaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-UE permezz ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u jiggradwaw mill-SĠP. Meta wieħed iħares 'il quddiem, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP qed ikomplu jitjiebu, b'diversi jinsabu fit-triq it-tajba biex joħorġu mill-istatus ta' LDC tan-NU. Dan jirrifletti s-suċċess tal-isforzi għall-iżvilupp u l-kontribut pożittiv tal-GSP tal-UE f'dawk il-pajjiżi.

B'konsegwenza ta' dan, l-għadd ta' pajjiżi li jibbenefikaw mill-iskema ta' preferenzi unilaterali tal-UE se jkompli jonqos. L-SĠP se tibqa' importanti peress li se takkumpanja lill-benefiċjarji gradwati matul perjodi tranżitorji; u minħabba li se tkompli tipprovi preferenzi KMA għall-LDCs li fadal, b'mod partikolari fil-kontinent Afrikan. Minħabba l-offerta unika tal-KMA tal-UE lill-pajjiżi Afrikani, il-Kummissjoni u s-SEAE – fil-kwartieri ġenerali kif ukoll permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE – se jagħmlu aktar sforzi biex isaħħu l-komunikazzjoni u d-djalogu dwar l-SĠP, biex iżidu l-viżibbiltà, is-sensibilizzazzjoni u l-adozzjoni tal-KMA fil-kontinent Afrikan.

Minbarra l-KMA, il-SĠP+ tkompli wkoll iġġib benefiċċji sinifikanti: erbgħa mill-għaxar benefiċjarji ewlenin tal-iskema kollha tal-SĠP huma benefiċjarji tal-SĠP+, u kważi 20 % tal-importazzjonijiet kollha tal-UE taħt l-SĠP joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+. Fl-istess ħin, il-SĠP+ tkompli tilħaq l-għan tagħha li tinċentiva l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba abbażi ta' standards maqbula u rikonoxxuti internazzjonalment. Filwaqt li s-sitwazzjoni għadha ta' sfida f'hafta pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+, il-monitoraġġ u d-djalogu dettaljati tal-SĠP+ jibqgħu pjattaforma unika għad-diskussjoni u mutur għat-titjib maż-żmien.

L-UE estendiet l-SĠP għal għaxar snin oħra, u r-Regolament SĠP il-ġdid mistenni jidhlo fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027. Permezz tar-regoli l-ġodda tal-SĠP, l-UE tiżgura l-kontinwità tal-offerta attraenti tagħha ta' preferenza kummerċjali unilaterali permezz tat-tliet arranġamenti ddedikati. Jikkonferma l-impenn fit-tul tal-UE li tappoġġa t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab tagħna madwar id-dinja; permezz ta' termini ta' negozjar ġenerużi, stabbli u prevedibbli.

Qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-SĠP, dan ir-rapport u l-SWDs li jakkumpanjawh se jservu bħala linja bażi solida. Dan huwa partikolarment il-każ għall-benefiċjarji attwali tal-SĠP+ li se jkollhom jerġgħu japplikaw jekk ikunu jixtiequ jkomplu jibbenefikaw mill-SĠP+ fil-futur. Dan japplika wkoll għall-benefiċjarji attwali tal-KMA li jixtiequ japplikaw għall-istatus ta' SĠP+ ladarba jkunu ggradwaw mill-istatus ta' LDC. L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa lill-pajjiżi benefiċjarji matul tali tranżizzjonijiet.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008.

² 2023 (JOIN(2023) 34 final.

³ Xi elementi li jaqgħu taħt il-perjodu ta' rapportar attwali kienu diġà koperti fir-rapport preċedenti tal-2023 (JOIN(2023) 34 final.

⁴ Pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP standard: ir-Repubblika tal-Kongo, il-Gżejjer Cook, l-Indja, l-Indoneżja, il-Kenja, il-Mikroneżja, in-Niġerja, Niue, is-Sirja, it-Taġikistan u Vanuatu.

⁵ Pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+: Il-Bolivja, Cabo Verde, il-Kirgistan, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, is-Sri Lanka u l-Użbekistan.

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1951 tad-29 ta' Settembru 2025 li jemenda l-Annessi II, IV u VII tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1951/oj (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1951 tad-29 ta' Settembru 2025). Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv (CEPA, Comprehensive Economic Partnership Agreement) il-ġdid huwa mistenni li jirregola r-relazzjonijiet kummerċjali futuri bejn l-UE u l-Indoneżja. Il-links kollha pprovduti f'dan id-dokument kienu aġġornati mit-28 ta' April 2026.

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/214 tat-28 ta' Novembru 2024 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-Kenja. http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/214/oj.

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1363 tat-12 ta' Marzu 2024 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex il-Bhutan jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1363/oj

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1951 tad-29 ta' Settembru 2025.

¹⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1951 tad-29 ta' Settembru 2025.

¹¹ Il-gradwazzjoni tal-prodotti tiżgura li l-preferenzi jiġu pprovduti lil dawk il-pajjiżi u l-prodotti l-aktar fil-bżonn u tevita l-pressjoni kompetittiva fost il-benefiċjarji tal-SĠP

¹² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2023/2780 tal-14 ta' Diċembru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1039 fir-rigward tal-estensjoni tas-sospensjoni ta' ċerti preferenzi tariffarji mogħtija lil ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP. http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2780/oj

¹³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2025/1909 tal-24 ta' Settembru 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-sospensjoni għas-snin 2026-2028 ta' ċerti preferenzi tariffarji mogħtija lil ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP. http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1909/oj

¹⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2024/842 tal-11 ta' Marzu 2024 li jimponi miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' rossi Indiċi li joriġina mill-Kambodja u mill-Myanmar/Burma. http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/842/oj

¹⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2025/1206 tad-19 ta' Ġunju 2025 dwar is-sospensjoni tal-preferenzi tariffarji tal-SĠP+ fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-etanol li joriġina mill-Pakistan http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1206/oj

¹⁶ https://policy.trade.ec.europa.eu/news/commission-proposes-new-eu-generalised-scheme-preferences-promote-sustainable-development-low-income-2021-09-22_en

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2023/2663 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati.

<http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2663/oj>

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2026/1395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012,

ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1395/oj>

¹⁹ Il-ħames konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali ġodda huma dawn li ġejjin: il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-Involviment tat-Tfal f'Kunflitti Armati (2000); il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (2007); il-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Ispazzjoni tax-Xogħol Nru 81 (1947); il-Konvenzjoni tal-ILO dwar Konsultazzjonijiet Tripartitiċi Nru 144 (1976); Il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima (2015), u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (2000).

²⁰ Il-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (1998).

²¹ Sors għall-istatistika kollha: Data tal-Eurostat dwar il-kummerċ nominali bbażata fuq l-aħħar data vvalidata disponibbli tas-sena sħiħa minn Settembru 2025. L-istatistika tal-SĠP tkopri biss oġġetti importati fis-suq tal-UE,

jiġifieri oġġetti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE. L-istatistika tal-SĠP ma tkoprix importazzjonijiet oħra tal-UE, bħal oġġetti importati għall-proċedura doganali ta' proċessar attiv jew importazzjonijiet mill-ġdid wara l-proċedura doganali ta' proċessar passiv. il-flussi kummerċjali rreġistrati bħala "kunfidenzjali" ma jidhru fiċ-ċifri tal-użu tal-GSP + u fil-kummerċ normali tar-reġim 1; iżda jidhru fiċ-ċifri totali tal-kummerċ (reġim 4). https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/ext_go_agg_esms.htm#conf1537195068659.

²² Il-Kongo, il-Gżejjer Cook, l-Indja, l-Indoneżja, il-Kenja, il-Mikroneżja, in-Niġerja, Niue, is-Sirja, it-Taġikistan, Vanuatu.

²³ Il-Bolivja, Cabo Verde, il-Kirgistan, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, is-Sri Lanka u l-Użbekistan.

²⁴ <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-eurostat-news/w/ddn-20240701-1>

²⁵ il-prodotti li jibbenefikaw mill-SĠP huma separati f'taqsimiet skont ir-Regolament SĠP. Informazzjoni dwar liema kodiċijiet NM huma inklużi fit-taqsimiet tal-SĠP tista' tinstab fl-Anness V tar-Regolament Nru 978/2012. <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/2025-01-01>.

²⁶ Barra minn hekk, l-UE tapplika tariffi ta' 0 % f'ħafna oqsma, irrispettivament mill-preferenzi tal-SĠP. Dan ovvjament japplika wkoll għall-importazzjonijiet minn pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP, li jippermettilhom jibbenefikaw mit-trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit skont ir-regoli tad-WTO, li jagħmel l-importazzjonijiet totali tagħhom mingħajr dazju fl-UE u għalhekk l-iffrankar tad-dazju saħansitra ogħla.

²⁷ Is-setturi li kienu qed jiffaċċjaw l-ogħla tnaqqis fir-rata ta' utilizzazzjoni bejn l-2022 u l-2023 kienu Hides & Leather (S-08a) minn 98,8 % għal 65,9 %, Cork, Straw & Plaiting (S-09b) minn 86,3 % għal 62,2 % u Textiles (S-11a) minn 97,1 % għal 83,3 %. It-tliet setturi kollha sussegwentement żiedu l-użu s-sena ta' wara (2024).

²⁸ Il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu.

²⁹ Il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra.

³⁰ Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs, Persistent Organic Pollutants).

³¹ Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu.

³² Il-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosikurezza għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

³³ Id-data tal-2019 hija inkluża bħala linja bażi ta' referenza ta' qabel il-COVID.

³⁴ Ingħatat akkumulazzjoni estiża bejn il-Kambodja u l-Vjetnam għar-roti fl-2023: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1810 tad-19 ta' Settembru 2023 dwar talba għal akkumulazzjoni estiża bejn il-Kambodja u l-Vjetnam, skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-rigward tar-regoli tal-oriġini użati għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 għal ċerti materjali jew partijiet użati fil-produzzjoni tar-roti. <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1810/oj> Il-preferenzi tal-KMA ġew irtirati parzjalment mill-Kambodja permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/550 tat-12 ta' Frar 2020.

³⁵ Fi Frar 2026, il-Gvern tal-Bangladesh talab formalment lin-NU għal differiment ta' tliet snin tal-gradwazzjoni tal-pajjiż mill-kategorija LDC.

³⁶ Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti.

³⁷ São Tomé u Príncipe m'għadux LDC, madankollu xorta se jibbenefika mill-preferenzi tal-KMA sakemm joħroġ mill-KMA fl-1 ta' Jannar 2029.

³⁸ il-preferenzi mogħtija lill-Kenja skont ir-regolament SĠP ma jaffettwawx il-preferenzi għall-aċċess għas-suq ipprovduti permezz ta' strumenti oħra bħall-hekk imsejjaħ Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq (MAR) ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika, ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1–191. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-fjuri maqtugħin.

³⁹ COMEXT TAL-EUROSTAT.

⁴⁰ <https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:WT/COMTD/LDCW73.pdf&Open=True>

⁴¹ Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp.

⁴² UNCTAD, 'The Generalized System of Preferences: How much does it matter for developing countries?', UNCTAD/DITC/TSCE/2023/1, 2023, p.vii.

⁴³ Preferenzi ta' KMA ġew irtirati parzjalment mill-Kambodja permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/550 tat-12 ta' Frar 2020.

⁴⁴ Il-preambolu 4 tar-Regolament SĠP jiddikjara li l-politika kummerċjali komuni tal-UE għandha tkun konsistenti mal-politika tagħha fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tikkonsolidaha. IR-REGOLAMENT (UE) Nru 978/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati. <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/oj>.

⁴⁵ L-għajnuna għall-Kummerċ hija inizjattiva tad-WTO u l-OECD mill-2006, statistikament parti mill-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA, Official Development Assistance) li tkopri l-kategoriji ewlenin li ġejjin: assistenza teknika għall-politika u r-regolamenti kummerċjali, l-infrastruttura relatata mal-kummerċ u l-bini tal-kapaċità produttiva.

⁴⁶ L-aħħar sena b'data disponibbli.

-
- ⁴⁷ https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/global-gateway_en
⁴⁸ <https://gsphub.eu/>